# Anna ta' Ġesù (1545-1621)

## *Għaqda m'Alla minkejja kollox*

**minn P. Glen Attard, O.Carm.**



Figura oħra importanti fir-riforma ta' Santa Tereża ta' Ġesù kienet Anna ta' Ġesù, Fundatriċi tal-Karmelu Skalz fi Franza. Anna (de Lobera y Torres) twieldet f'Medina del Campo fil-25 ta' Novembru 1545. Missierha miet ftit xhur wara li twieldet u ommha mietet meta kellha disa' snin. Minn età bikrija Anna kienet turi ġibda lejn il-ħajja spiritwali, tant li ta' età żgħira għamlet vot ta' verġinità perpetwa fost reżistenza kbira mill-familja tagħha.

Fil-31 ta' Lulju 1570, imbagħad, issieħbet mal-Ordni Karmelitan fil-kunvent riformat ta' San Ġużepp ġewwa Avila, fejn l-għada bdiet in-novizzjat. Hawn intlaqgħet minn Marija ta' San Ġirolmu, peress li Tereża ta' Ġesù kienet tinsab Toledo. Anna u Tereża ltaqgħu għall-ewwel darba aktar tard f'Awwissu stess. Bejniethom nibtet kważi mill-ewwel ħbiberija intima tant li, flimkien ma' Marija ta' Ġesù, Anna kellha ssir pilastru għar-Riforma Skalza li fuqha Tereża kienet isserraħ ħafna. Isimha, fil-fatt, għażlitulha Tereża nnifisha qabel stess iltaqgħet magħha. F'Novembru 1570 intalbet takkumpanja lill-qaddisa ġewwa Salamanca fejn sena wara, fit-22 t'Ottubru 1571, ipprofessat il-voti reliġjużi. Hawn xogħolha kien li tieħu ħsieb lin-novizzi l-oħrajn filwaqt li Tereża tat ordni lill-prijura li għandha tikkonsulta ma' Anna fuq it-tmexxija tal-monasteru. Sakemm Tereża kienet Salamanca (minn Novembru 1570 sa Jannar 1571), kienet taqsam kamritha ma' Anna, fatt li jixhed il-ħbiberija intima bejn iż-żewġ sorijiet. Fl-1575 akkumpanjat lil Tereża għall-fondazzjoni ġdida ta' Beas de Segura fejn inħatret bħala l-ewwel prijura. Hawn iltaqgħet ma' Ġirolmu Grazjan u aktar tard, f'Ottubru 1578, ma' Ġwanni tas-Salib wara li kien għadu kif ħarab mill-ħabs tal-kunvent ta' Toledo. Iż-żmien li Ġwanni tas-Salib għadda hawn baqa' minqux f'qalbu hekk li s-sorijiet kienu jduru bih filwaqt li hu jmexxihom spiritwalment. F'Jannar 1582, Anna ntbagħtet Granada flimkien ma' Ġwanni tas-Salib u sitt sorijiet oħrajn biex hemm jiffondaw monasteru f'isem Tereża ta' Ġesù. Wara l-mewt ta' Tereża, f'Ottubru 1582, Anna bdiet tiġbor il-manuskritti kollha tagħha u aktar 'il quddiem, fl-1587, għaddiethom lit-teologu Agostinjan Luís de León li mbagħad ippubblikahom ġewwa Salamanca fl-1588. Fl-1584, Ġwanni tas-Salib kiteb il-Kantiku Spiritwali ġewwa l-kunvent ta' Granada u ddedikah proprju lil Anna li sadanittant kienet ukoll prijura. Il-manuskritt żammitu hi sal-1586 sakemm tatu lin-novizza Isabel tal-Inkarnazzjoni li mbagħad ħaditu magħha fil-fondazzjonijiet ta' Baeza u Jaén fejn ġie llegat u għadu miżmum sal-lum. F'Settembru 1586 iffondat monasteru f'Madrid, xi ħaġa li dejjem xtaqet tagħmel Tereża imma qatt ma rnexxielha. Hawn ukoll saret prijura. Fl-1594, irritornat lejn Salamanca fejn sentejn wara nħatret prijura mill-ġdid.

Wara talba mill-Kardinal Pierre de Bérulle u n-nobbli devota Madame Barbe Acarie, Anna ġiet imsejħa Franza biex hemm tiffonda monasteri Karmelitani Skalzi fl-ispirtu ta' Tereża. Fi Franza, hi ffondat monasteri f'Pariġi (Ottubru 1604), Pontoise

(Jannar 1605), u Dijon (Settembru 1605). Fuq talba oħra tad-Dukessa Isabella Clara Eugenia, iffondat ukoll monasteri ġewwa l-Fjandri, fi Brussell (Jannar 1607), Louvain (Novembru 1607), u Mons (Frar 1608). Għenet ukoll fil-fondazzjoni tal-monasteri ta' Krakovja (1612) u Antwerp (1619). Għalkemm is-saħħa ma kinitx tippermettilha, għal xi żmien ħadmet ukoll biex tiffonda monasteru ieħor fl-Ingilterra, imma qatt ma rnexxielha. Anna mietet fi Brussell fl-4 ta' Marzu 1621. Fl-2019, ġiet iddikjarata formalment Venerabbli, għalkemm kienet ilha magħrufa popolarment hekk għal ħafna sekli. Fil-verità, il-proċess għall-kanonizzazzjoni kien ilu li beda mill-istess sena li mietet.

Minn dak li nafu minn tfulitha, mill-mod kif mexxiet il-monasteri afdati f'idejha, kif ukoll mill-ftit ittri ta' Anna ta' Ġesù – waslu f'idejna llum 53 minn ħafna aktar – jidher li, bħal Tereża ta' Ġesù, kienet karattru b'saħħtu, mimlija enerġija, mexxejja, imma fl-istess ħin sensittiva. Huwa evidenti li l-istil tal-ħajja reliġjuża li ġiet iffurmata fih kien wieħed verament mimli bl-ispirtu ta' Tereża, li baqgħet tqisha sal-aħħar ta' ħajjitha bħala l-"Madre" tagħha (ara C33,35). Il-kuntest tal-ittri huwa dejjem il-ħajja ta' kuljum, u jkopru episodji mill-1590 (meta kienet prijura ta' Madrid) sal-1621 (meta mietet bħala prijura fi Brussell). Kemm-il darba narawha, p.eż., tiftaħ qalbha ma' Beatriċe tal-Kunċizzjoni dwar saħħitha li sejra lura, jew dwar l-indħil tan-nobbli, jew dwar li ma taqbilx mad-deċiżjonijiet ta' Anna ta' San Bartilmew, figura oħra importanti ħafna fil-ħajja ta' Tereża ta' Ġesù li kienet ġiet magħha meta ffundaw Pariġi. Mill-mod kif titkellem dwar Alla u kif tindirizzah, għall-mod kif tifhem l-osservanza reliġjuża fit-talb, fis-solitudni, fil-ħbiberiji, fil-komunità, fix-xogħol, eċċ, dan kollu jkompli jixhed l-influss qawwi ta' Tereża fuqha. Fil-fatt, l-istil spiritwali ta' Anna ta' Ġesù jixbah ħafna possibilment wieħed mill-ewwel xogħlijiet li qrat ta' Tereża ta' Ġesù, it-tieni edizzjoni tat-*Triq tal-Perfezzjoni*, li l-qaddisa kienet għadha kif spiċċat tikteb ġewwa Toledo proprju sena qabel Anna daħlet il-kunvent.

Għalkemm limitata, il-kollezzjoni ta' ittri li għandna hija biżżejjed biex nieħdu ħjiel tal-ħajja spiritwali tagħha. It-temi spiritwali jirriflettu bla dubju l-ispiritwalità ta' Tereża ta' Ġesù. L-ewwel nett, l-intenzjoni għal xiex ħaddnet il-ħajja reliġjuża Tereżjana kienet dejjem ċara f'moħħha: l-imħabba ta' Alla li hi dejjem kebbset f'qalbha minn kmieni. Fl-1578, minn Beas tikteb lil P. Juan tal-Maddalena, "Iz-zokk tagħna lkoll huwa Alla, huwa prinċipalment lilu li aħna tajna qalbna." M'għandniex inħallu s-sempliċità ta' din il-frażi tqarraq bina. Biżżejjed wieħed jaħseb fid-determinazzjoni tagħha li ta' madwar għoxrin sena ma taċċettax, minkejja kollox, li nannitha żżewwiġha ma' ġuvni nobbli. Aktar minn hekk, lil P. Diego tgħidlu wkoll, "Ftakar li l-Mulej ma kellux fejn imidd rasu. Int u ġġib quddiem għajnejk dan il-ħsieb, Alla jipprovdilek mingħajr ħafna mirakli dak li huwa neċessarju. Dan narawh jekk għandna l-fidi; mingħajr fidi għalxejn it-tħabrik tagħna biex niksbuhom" (C2). Għal Anna huwa ċar li għalxejn nistennew li Alla jaqlgħalna grazzji jekk l-ewwel u qabel kollox ma nkunux disposti fil-fidi tagħna li nirċevuhom u naħdmu għalihom. Fil-fatt, tkompli, "Jaqblilna li nħallu l-ħafna sagrifiċċji u talb biex pjuttost niddisponu ruħna għall-preżenza divina tiegħu" (C33). Imbagħad, fuq il-bażi ta' relazzjoni solida ma' Alla, Anna tgħix ir-relazzjonijiet umani tagħha fid-dawl ta' dik spiritwali, l-istess kif għexet ħajjitha Tereża ta' Ġesù. L-imħabba ta' Alla kienet tfisser għal Anna ħbiberiji spiritwali sodi, bħal p.eż. ma' Beatriċe tal-Kunċizzjoni, li setgħu jeżistu biss jekk kellhom għan wieħed ċar, li tikber fihom it-tnejn ix-xewqa għal Alla (ara C14).

Il-ħajja spiritwali ta' Anna ta' Ġesù, mela, kienet iffukata kollha kemm hi fuq l-imħabba ta' Alla minkejja kollox. Dan urietu, p.eż., meta ddefendiet milli l-Kostituzzjonijiet ta' Tereża ta' Ġesù jinbidlu b'mod sostanzjali u riġidissimu, li kien il-bdil li ried jagħmel il-Provinċjal Skalz Nicolas Doria wara mewtha. L-istil tagħha kien wieħed flessibbli u għalkollox ikkulurit mill-umaniżmu ta' Tereża ta' Ġesù, u għamlet minn kollox biex ma tippermettix li Doria jtappnu. Fid-dawl ta' dan l-aspett uman, p.eż., kienet kontra l-ubbidjenza li ma tirraġunax, kienet kontra eżaġerazzjonijiet spiritwali tant li tisħaq ma' Beatriċe biex il-komunità tkun moderata fil-penitenzi (ara C14) u jiddedikaw irwieħhom pjuttost għat-talb, fuq kollox kienet tisħaq, mill-ġdid fid-dawl tat-*Triq tal-Perfezzjoni*, biex is-sorijiet juru interess ġenwin f'xulxin, jużaw diskors empatiku (ara C45), u jdaħħlu lil xulxin fl-ispazju intimu tal-qalb u l-istorja tagħhom (ara C39). F'kelma waħda, anke taħt l-influwenza diretta ta' Ġwanni tas-Salib, Anna ta' Ġesù inkarnat il-bilanċ spiritwali li tant jikkaratterizza lil dawn iż-żewġ figuri kbar tal-Karmelu. Mhux ta' b'xejn li kien proprju fi Brussell, grazzi għax-xhieda awtentika tal-komunitajiet li ffundat Anna ta' Ġesù, li n-nies tal-post bdew isejħulhom "Tereżjani", titlu li llum il-ġurnata huwa ħafna aktar popolari mill-isem uffiċċjali tagħhom ta' Karmelitani Skalzi.